**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 31 ta' Ottubru, 2017

Rikors Guramentat numru : 260/12 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li permezz taghha ppremettiet :

1. Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, ecessi, minacci, adulterju, swat, mohqrija u ngurji gravi tal-konvenut kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;
2. Billi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta dina l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Kompetenti;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut intimat u ghal finijiet tal-Artikolu 48 (c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi id-data meta l-istess intimat ghandu jkun kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda;
2. Tawtorizza lill-attrici rikorrenti tghix separatament minn ma zewgha;
3. Tapplika kontra l-konvenut intimat interament jew in parte id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16);
4. Tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista interalia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u d-data stabbilita minn dina l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jigi kkunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi okkorrendo ghall-finijiet ta' dina it-talba jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
5. Tawtorizza lill-attrici illi tirregista ossia tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina il-Qorti;
6. Tillikwida manteniment li ghandu jibda jhallas l-intimat versu r-rikorrenti martu;
7. Tordna u tikkundM lill-intimat sabiex ihallas il-manteniment hekk likwidat minn dina il-Qorti b'dan li tawtorizza wkoll li l-istess manteniment jinqata direttament mill-introjtu tal-intimat hekk kif mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali;
8. Tillikwida l-arretrati ta' manteniment li ghandu jhallas l-intimat versu r-rikorrenti martu ai termini tad-digriet tal-Qorti Civili Sekond'Awla datat it-22 ta' Ottubru 1996

kemm bhala manteniment ghaliha kif ukoll bhala manteniment versu l-minuri;

9. Tordna u tikkundM lill-intimat sabiex ihallas l-arretati ta' manteniment hekk likwidati minn din il-Qorti sa zmien massimu li tiffregi din il-Qorti jew f'kaz ta' inadempjenza da parti tal-intimat, li l-istess ammont likwidat jigi mhallas mis-sehem tal-intimat mill-bejgh tad-dar gia matrimonjali;
10. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriveri lura ghal kunjom xbubitha u cioe' F;

u dan taht kull provvediment iehor li din il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fic-cirkostanzi;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-Medjatur kontra l-konvenut intimat illi huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz tieghu eccepixxa : fol.13

1. Illi fl-ewwel lok, u dan a rigward ta' parti minn l-ewwel talba u tat-tieni talba tar-rikorrenti, l-intimat jirrileva illi huwa jaqbel illi tigi ppronunzjata s-serparazzjoni personali minn ma martu r-rikorrenti attrici, u li huma jigu awtorizzati jghixu separatament minn xulxin, u dan peress li z-zwieg taghhom ilu li tkisser irrimedjabilment u fil-fatt il-partijiet ilhom separati de facto u stabilixxew residenzi separati ghal dawn l-ahhar snin;
2. Illi pero' il-kagun tal-firda tal-kontendenti ma kienx minhabba xi tort attribwibbli lilu, izda minhabba relazzjoni adultera tar-rikorrenti stess, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi ghalhekk l-intimat jichad u jirrispingi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti, u cioe illi l-hajja konjugali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci, adulterju, swat, mohqrija u ngurji da parti tieghu fil-konfront tar-rikorrenti martu;

4. Illi ghaldaqstant parti minn l-ewwel talba tar-rikorrenti, kif ukoll it-tielet talba taghha, ghandhom jigu michuda, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhiex tapplika s-sanzjonijiet previsti fid-dispozizzjoni ta' l-Artikoli 48 u 48 (c) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta' Malta Kodici Civili, kontra l-intimat, izda ghandhom fil-fatt jigu applikati kontra l-istess rikorrenti stante illi z-zwieg tkisser minhabba relazzjoni adultera taghha stess matul iz-zwieg;
5. Illi ghar-rigward tar-raba talba tar-rikorrenti, filwaqt illi din ghandha tigi milqugha limitatament in kwantu ghat-talba tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara xolta il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, din ghandha tigi michuda in kwantu ghat-talba ta' l-istess rikorrenti sabiex tiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-intimat huwa hati tal-firda ta' bejniethom;
6. Illi fil-fatt din il-Qorti ghandha tqies it-tortijiet kommessi mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat, u principarjament, peress illi kif diga ntqal precedentement kienet l-istess rikorrenti responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejniethom minhabba relazzjoni extra-konjugali;
7. Illi huwa mhux qed jopponi ghal hames talba tar-rikorrenti;
8. Illi l-intimat jaf il-fatti kontendenti f'dan ir-rikors *di xjenzia propia*;
9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż l-affidavits u r-ritratti.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. M Mallia, ix-xhieda li ddeponew quddiemha u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi ippreżentata fl-4 ta' Lulju 2017.

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tiegħu l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba ħtijiet imputabbli lilu fosthom sevizzi, eċċessi, minaċċi, adulterju, swat, moħqrija u nġurji gravi;
- Tiffissa d-data meta l-konvenut għandu jkun dikjarat ħati tal-firda u tapplika kontrih id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;
- Titlob it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;
- Tiffissa manteniment xieraq għaliha u tordna lill-konvenut iħallas l-istess manteniment;
- Tillikwida arretrati ta' manteniment li jiġi jħallas mill-intimat, kemm għaliha u wkoll għal uliedhom li kienu minuri;
- Titlob ukoll li tirriverti lura għal kunjom xbubitha F.

### 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tas-sevizzi, l-eċċessi, l-minaċċi, l-adulterju, is-swat, il-moħqrija u l-inġurji gravi, bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Min-naħa tiegħu, il-konvenut filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi sfaxxa u li ilhom żmien twil jgħixu separati *de facto*, jinsisti li dana seħħ stante t-tortijiet tal-adulterju mwettaq minn martu.

#### 1.1 L-allegati tortijiet tal-konvenut

Permezz tal-affidavit tagħha[1], l-**attriċi** tirrakkonta li sa mill-għerusija kien hemm il-problemi fir-relazzjoni tal-partijiet stante li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha. Iżda peress li hija kienet u għadha viċin ħafna ta' ħutu l-bniet, baqgħet għaddejja bl-għerusija tagħha u biż-żwieġ. Tispjega illi fl-1997 żewġha kien ħareġ mid-dar arrestat inizjalment b'akkużi t'attentat ta' qtil iżda li wara ġew ridotti għal attentat ta' ferita gravi. Dan seħħ wara li kien spara għaliha b'revolver wara li ħadet lit-tfal l-iskola. Fortunatament ma ġietx milquta. Tispjega illi hija għaddiet minn tbatija kbira biex rabbiet lil uliedha weħidha.

Iżżid illi żewġha kien isawwatha fuq bażi regolari, anke biċ-ċintorin. Kien jaqfilha fil-bitħa u mbagħad jiftħilha fil-għodu, anke meta kellha tmien xhur tqala. Kien isawwat anke lil uliedu qisu mhu xejn. Il-ħajja sesswali tagħhom kienet kważi non eżistenti għaliex ftit li xejn kien ikollhom x'jaqsmu flimkien. Tgħid li kellha suspett li żewġha kellu orjentazzjoni sesswali differenti għaliex saret taf li kien ittanta lit-tifel t'oħtu. Kien f'dan l-isfond li hija għamlet ħbiberija ma' ċertu P G. Hija ssostni li din ma kinitx relazzjoni adultera iżda fuq livell ta' ħbiberija biss, u li magħhom kien ikun hemm grupp ħbieb nisa li jisimhom O G, S R u L T. *"Verament li wara tant swat litteralment u nuqqas ta' attenzjoni bdejt infittex ħbieb oħra għaliex lilu kont umbrajtu";*

Iżżid li llum hija għandha relazzjoni ma' ċertu N W u dana wara li l-partijiet ilhom *de facto* separati sa mill-1997. Tgħid li żewġha għamel diversi vendikazzjonijiet fuqha u s-sieħeb tagħha, fosthom illi saq għal fuqu. Fuq il-karozza sabet *paint remover* għal darba darbtejn u anke daqqiet. Hija esebiet ritratti[2] in sostenn ta' dan.

L-attriċi ppreżentat rapport[3] iddatat il-15 ta' Diċembru 1999, redatt mill-ħaddiema soċjali Liliana Micallef fuq ordni mogħti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t'Awwissu 1998. Il-ħaddiema soċjali kellmet lill-partijiet illi tawha l-istess verżjoni li huma qed jagħtu f'dan l-istadju fl-affidavits rispettivi tagħhom.

[1] Fol. 60
[2] Fol. 104
[3] Fol. 92

It-tfal tal-partijiet kienu stqarrew magħha illi meta missierhom kien id-dar huma kienu jkunu mbeżżgħin. Kien diffiċli li jikkonċentraw l-iskola għaliex moħħhom kien ikun jaħseb dwar x'qed jiġri fid-dar. Huma kien jġorru magħhom tensjoni u ansjeta`. It-tfal sostnew li missierhom kien jerfa' jdejh kemm fuqhom kif ukoll fuq ommhom. Minn mindu telaq missierhom huma sar għandhom ħajja trankwilla bħal ta' familja normali, iżda mingħajr missier. It-tfal urew dubji kemm missierhom jista' jinbidel u ma xtaqux li jkunu sfurzati jibnu rapport miegħu.

Il-ħaddiema soċjali osservat illi f'din il-fehma it-tfal kienu qegħdin jiġu influwenzati minn ommhom stante li l-omm kienet konvinta li ma tarax lil C jinbidel b'mod pożittiv. *"Ġjaladarba A għandha dan it-twemmin dwar C, bl-istess mod Q u Nd isostnu unkonxjament u jirriflettu it-twemmin tagħha."*

Ġie osservat ukoll li C baqa' konsistenti rigward l-aċċess tiegħu mat-tfal u baqa' juri x-xewqa li jiltaqa' magħhom. Minkejja li t-tfal u A mhux dejjem ikkoperaw miegħu, huwa baqa' jiddepożita l-flus fil-kont ta' uliedu b'mod regolari. Il-ħaddiema soċjali nnotat li minkejja dan, jidher li l-attitudni tiegħu tieħu xeħta ta' sfida u pika diretta lejn martu. *"F'inċident partikolari, meta C ġie għall-aċċess, A kienet ċemplet biex tara C kienx għadu qed jistenna u staqsiet jekk ma tiġix. C insista li hi tiġi bit-tfal u informa lis-supervisor li kien ser jistennihom fil-karozza. Meta A waslet bit-tfal, hu telaq mingħajr ma taha ċans tipparkja il-karozza. Huma inċidenti bħal dawn li jitfgħu dubju dwar il-motivazzjoni tal-missier lejn uliedu."* Inoltre C jieħu rwol investigattiv u jibqa' jsus dwar il-passi ta' A. Jipprova jsib xi ħaġa fil-ħajja preżenti jew passat biex ikun jista' jikkundMha.

Meta jirrakkonta l-istorja tal-familja tiegħu huwa jagħmel dan mingħajr emozzjonijiet; Jiddeskrivi dak li għamel għalihom u kemm xtralhom affarijiet. Meta mistoqsi dwar ir-relazzjoni tiegħu m'uliedu, qal li kien ilu ma jarahom u baqa' jitkellem fuq x'għamlet A. Hu qal li martu "titwerwer" u li meta jispiċċa l-probation, jibda jiffolowjaha.

Xehdet ukoll **O G**[4], fejn qalet li A ma kinitx kuntenta ma' żewġha peress illi kien isawwatha. Tirrakkonta episodju fejn darba f'jum is-Sibt, qaltilha biex tmur malajr għandha u x-xhud sabitha miksija demm peress li żewġha kien taha xebgħa bi flixkun tal-luminata ġo rasha. L-attriċi wrietha wkoll gidma fi spallietha. Hija kienet litteralment refgħet lil A u wasslitha l-polyclinic u wara lejn l-Għassa tal-Pulizija. Ulied il-partijiet kellhom xi sebgħa u ħames snin. Tgħid illi A rabbiet liż-żewġ uliedha mingħajr għajnuna ta' ħadd.

Bint il-partijiet, **Nd B**[5], tikkorabora x-xhieda ta' O G fir-rakkont tagħha tax-xebgħa bil-flixkun tal-luminata. Tirrakkonta kif għal xi żmien hija u ommha kienu kostretti jgħixu f'Dar Merħba Bik peress illi missierha kien keċċihom mid-dar u lil oħtha Q kien ħadha l-Istitut Angela House ta' Gwardamangia. Tixhed: *"Is-swat kien iebes ħafna. Jien kont kemm il-darba ġejt imsawta bill-ponn ġio rasi. Mhux l-ewwel darba li ommi daħlet taqbeż għalija u huwa kien jinqala' minn fuqi u jibda isawwat lil ommi bl-addoċċ."* Inoltre missierha, kien jiffavorixxi lil oħtha billi jixtrilha xi ħaġa u lix-xhud jgħidilha *"issa jixtrilek missierek lilek"*.

### 1.2. L-allegati tortijiet tal-attriċi

Permezz tal-affidavit[6] tiegħu, il-**konvenut** jispjega illi l-inkwiet bejnu u martu beda ċirka fl-1991. F'dan il-perjodu huma kienu bnew is-sular ta' fuq tad-dar matrimonjali. Il-konvenut kien qed jagħmel ix-xogħol bħal tikħil, tqegħid ta' madum u aperturi f'dan is-sular. Kien ukoll iħit lożor, *breadspreads* u purtieri għad-dar. Waqt li kien għaddej b'dan ix-xogħol, martu kienet titolbu li tmur tieħu kafe ma' sħabha. Maż-żmien bdiet titolbu jżomm it-tfal biex tmur "ladies night". Kienu jsiru t-3.00am u tkun għadha ma marritx lura d-dar. Fis-sena 1994 beda josserva li l-kont tat-telefon kien għola immens minn Lm7 beda jkun Lm19. Jum fost l-oħrajn f'Novembru l-mara talbitu biex isewwi bieba ta' gwardarobba li kienet inqalgħet u hemmhekk huwa sab ħafna qliezet ta' taħt tal-mara moħbija fil-bwiet tal-ħwejjeġ u fiż-

---

[4] L-affidavit tagħha jinsab esebit fol. 294
[5] L-affidavit tagħha jinsab esebit fol. 296
[6] Fol. 31

żraben tat-tfal, qliezet li qatt ma ra lil martu bihom f'għaxar snin ta' żwieġ.

Illi għalhekk huwa nstalla apparat li jirrekordja t-telefonati minn fejn huwa skopra li martu kienet f'kompliċita ma' żewġ nisa oħra, ċerti O G u M Castaldi u li jeqilbuha lil żwieġhom. Skopra li martu kellha relazzjoni ma' ċerta P G, gwardjan il-ħabs, u li kienet ilha miegħu għal tliet snin. Huwa kellem lil mart dan G u kien ftiehmu li jlaqqgħuhom għall-għarrieda fid-dar tal-konjuġi B fis-Swieqi. Mingħand Gertrude G, mart P, C sar jaf illi martu A kienet tikri żewġ appartamenti biex ikunu jistgħu jiltaqgħu hi u P, wieħed kien fuq l-Oak Tree Pub Ta' Xbiex u ieħor fuq Forestals fil-Gżira. Fil-Milied 1994, A xtrat cappetta u ġiżirana tad-deheb u flixkun fwieħa lil dan il-maħbub tagħha P G. Dwar ir-relazzjoni tal-attriċi ma' P G, ix-xiehda tal-konvenut hija kkorraborata mix-xiehda ta' **Geltrude Camenzuli** ġja G[7], mart l-istess P G.

Il-konvenut esebixxa traskrizzjoni tar-recordings ta' martu[8] fejn hija ċċempel lil sħabha M u O u tinfurmahom illi żewġha *"Sar jaf b'kollox...qalli kollox min hu tiegħi, fejn joqgħod, fejn jaħdem...Sar jaf kollox fejn mort, ma' min qiegħda, x'jismu, fejn joqgħod. Kollox, anki fejn mort il-bieraħ, x'tajtu... Mela lil kulħadd semma. Lil M, lilek, lil Isabelle, lil kulħadd, anki lil S... Issa jiena nixtieq inċempel lilu u navżah biex jibda jgħid li mhux minnu għax dawn billi rawna M, il-provi ċari jridu jarawk fis-sodda. Meta jarawk titkellem, dawk għalihom mhux provi... Qalli ilek tittradini għal iktar minn tlett snin"*

Għalkemm beda l-proċeduri l-Qorti fi Frar 1995, huwa kien ħafrilha fuq parir ta' ħuh X illi kien qassis. Minkejja li ħafrilha, huwa xorta baqa' jara aġir suspettuż minn martu li kienet iddaħħal id-dar nisa li ma kellhomx reputazzjoni tajba u li hu ma kellux pjaċir bihom.[9] Hi bdiet tigdiblu fejn kienet qiegħda tmur u għalhekk *"erġajt indunajt li marti qegħda tgħaddini biż-żmien."* Għalhekk kien naqqsilha l-flus li kien jgħaddilha u offrielha li

[7] Affidavit fol. 46
[8] Fol. 342
[9] Ara l-ittra mibgħuta mill-konsulent legali tiegħu lil ċerta Elizabeth Tabone, fejn talabha ma tidħolx iktar ġo daru, fol. 384.

tibda tuża ċ-*cheque book* sabiex b'hekk ikun jaf fejn marru flusu.

Fil-frattemp, il-konvenut kien akkwista, mingħajr awtorizzazzjoni, arma tan-nar u dana bl-iskop li jiddefendi ruħu jekk jiġi bżonn fuq il-post tax-xogħol. Fit-8 ta' Novembru 1996, kien id-dar waħdu jilgħab bl-arma biex jara kif taħdem. Malli sema lil martu tirritorna d-dar, bil-ġenn biex ma tindunax biha martu, beda jżarmaha bl-addoċċ u din ħadet f'idejh. Il-*bullet* laqgħat il-*cooker* iżda kif wieħed jistenna fiċ-ċirkostanzi, l-inċident f'għajnejn il-mara kien attentat fuq ħajjitha u għalhekk il-konvenut safa mkeċċi mid-dar sakemm dam għaddej bil-proċeduri tal-Qorti. Fil-frattemp, il-konvenut mar jgħix għand ommu ġewwa Raħal Ġdid. F'dan iż-żmien huwa ġie mċaħħad milli jara lil uliedu u dam sas-sena 2010 biex jerġa' jarahom, meta ġie lliberat mill-akkużi[10] li spara bil-ħsieb li joqtol lil martu jew li jqiegħed ħajjitha f'periklu ċar.

Għamel diversi rapporti fl-għases tal-Ħamrun u ta' Raħal Ġdid[11] li ma kienx qed ikollu aċċess għal uliedu u anke rikorsi biex martu tottempora ruħha. Fil-fatt, il-Qorti awtorizzat lil C B jitlob l-assistenza tal-marixxalli tal-Qorti u tal-Pulizija Eżekuttiva f'każ li A B tonqos li tottempora ruħha mal-istess digrieti mingħajr raġuni ġusta fil-liġi.[12] Permezz ta' sentenza ddatata it-12 ta' Diċembru 1999[13], il-Qorti tal-Maġistrati, sabet lil A B ħatja li naqset tieħu lil uliedha għall-aċċess u ġiet illiberata bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor għal perjodu ta' sitt xhur.

Fl-1998, wasallu tagħrif illi l-mara kienet qiegħda tgħix ma' raġel ieħor fid-dar matrimonjali, ċertu Mohammed Medani Kalfallah li huwa Tuneżin. Sema wkoll li l-mara kellha flat mikri ġewwa Buġibba u li għalhekk kien qabbad nies biex jiffilmjawha.

---

[10] Permezz ta' sentenza ddatata il-5 ta' Ġunju 2010, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro, fol. 506

[11] Ara kwerela ddatata 30 ta' Jannar 1999, fol. 45, kwerela ddatata 13 t'Ottubru 1997, fol. 432

[12] Digriet 1051/98 maħruġ mis-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili, fol. 43

[13] Fol. 429

Fis-sena 2006, kien irċieva telefonata mill-isptar illi martu kienet iddaħħlet b'overdose wara li belgħet 40 pillola f'daqqa.

Fl-2010, huwa reġa beda kuntatt ma' bintu ż-żgħira Q li fil-frattemp kienet saret omm ta' tifel li kellu ħames snin. Hija tat lil missierha ħafna nformazzjoni li xehdet dwarhom fl-affidavit tagħha.

**Q B**[14] xehdet illi ommha kienet tgħajjarha u ssawwatha għaliex hija tixbaħ lil missierha. Kienet tbeżżagħhom li jekk it-tfal imorru għand missierhom, dan kien ser joqtolhom biex ipattiha lilha. Meta kienu jmorru għall-aċċess taħt superviżjoni tgħidilhom biex ma jdumux u tbeżżagħhom bis-swat kif jaslu d-dar. Meta l-minuri kellha għaxar snin u cioe fl-1998, l-attriċi bdiet relazzjoni mat-Tuneżin Muhammed Medani Kalfallah, li għex fir-residenza tagħhom għal ħames snin. Huma kienu jorqdu fl-istess kamra. Tgħid li ommha kienet iktar barra milli d-dar għaliex kienet tħobb tmur għal kafe mat-Tuneżin jew ma' sħabha M u O. Sikwit kienet tħallihom ma' dawn sħabha biex hija tista' toħroġ weħidha. Iżżid li ommha ġieli siefret mat-Tuneżin kemm f'pajjiżu u wkoll fuq cruises u ma kienitx iċċempel tara li huma jinsabu tajbin. Lanqas flus ma kienet tħallilhom, għalkemm kienet tixtrilhom ħobż u ċereali, pizzez u pastizzi u tiffriżahom biex ikollhom xi jsaħħnu.

Meta spiċċat ir-relazzjoni mat-Tuneżin, beda jmur ta' spiss għandhom ċertu P SM, raġel miżżewweġ u Pulizija bin-numru 777. *"Kienu jinqaflu f'kamra waħedhom."* Wara dan kellha relazzjoni ma' N W li tiegħu kellha saħansitra ċ-ċavetta tad-dar. Kienet tmur għandu fil-weekends, mill-Gimgħa fl-4.00pm sat-Tnejn fil-għodu u tħalli lil uliedha d-dar weħidhom mingħajr ma ċċempillhom. Tirrakkonta episodju meta ta' ħmistax-il sena ġiet imkeċċija mid-dar minn ommha. Kien lejliet li kellha tagħmel l-O Level tal-Maths. Ommha qattatilha l-pitazzi, qabditha minn xagħarha u tefgħetha fil-parapett. Tkompli tixhed fuq disgwid kbir li x-xhud kellha sija ma' ommha u wkoll ma oħtha iżda dan qajla għandu relevanza mal-każ in eżami.

---

[14] Affidavit fol. 50

Il-konvenut ipproduċa wkoll bħala xhud lil **Lydia Mifsud**[15], oħt l-attriċi. Dina qalet li ċertu Pawlu, Pulizija bin-numru 777, kien qalilha li z-zija D S tat lil A B s-somma ta' Lm5,000 biex tħallas id-dejn tad-dar. Ix-xhud qalet li oħtha kienet tiftaħar li minflok ħallset id-dejn, b'dawn il-flus kienet marret Tuneż ma' Mohamed Medani Kalfallah, li kienet tgħix miegħu. Ftaħret ukoll li marret tliet darbiet cruises bil-flus taz-zija D. Tixhed li għal xi żmien marret tgħix flimkien ma' binha, għand oħtha sakemm ix-xhud irranġat darha. Tgħid li oħtha kienet tagħti trattament aħjar lil bintha Nd milli bintha Q. A f'dan iż-żmien kienet sikwit iċċempel lil ċertu N li joqgħod Ħal-Għaxaq. Jum minnhom l-attriċi talbet lix-xhud biex tippakkja ħwejjiġha u titlaq. Talbet ukoll lil bintha Q u lin-neputi Deyan biex jitilqu għaliex hija kellha bżonn il-mistrieħ u kienet sejra tgħix għand N W f'Ħal-Għaxaq.

### 1.3 Prinċipji Legali: Dwar is-swat, l-eċċessi, l-moħqrija u l-inġurji gravi

Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għal Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[16] ġie enunċjat illi l-Liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

[15] Affidavit fol. 48

[16] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Fil-każ fl-ismijiet EL Thompson vs. Edward Thompson[17] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[18] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[19], deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Illi l-**vjolenza domestika** tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tistax tiġi ġustifikata. Skond kif ppronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet Joanne T pro. et noe. vs. Jesmond T[20]: *"Il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha;"*[21] Skond l-istess Qorti *"Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taż-żwieġ"*[22].

---

[17] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[18] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[19] Vol. XLV C.ii.708

[20] Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003

[21] Genoveffa Magri vs. Joseph Magri, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.

[22] Charmaine Zahra pro. et noe. vs. Alfred Zahra, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-inġurji jew offiżi gravi ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

### 1.4 Prinċipji Legali: Dwar l-Adulterju

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[23] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[24]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. N Scicluna[25] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn*

[23] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[24] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

[25] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

*ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

### 1.5 Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

Mill-provi kollha miġjuba, il-Qorti qed tara quddiemha familja illi tfarrket b'mod pjetuż. Mhux talli, nfirdu l-partijiet iżda dawn irnexxilhom jifirdu lill-ulied bejniethom b'tali mod li waħda żżomm mal-omm u l-oħra żżomm mal-missier. Tant il-polaritajiet huma estremi illi x–xhieda tal-ulied titlef ferm mill-kredibilita` tagħha. Bint il-partijiet Q ilha żmien twil ma tkellem lil ommha u lil oħtha, u Nd tqis bħalha theddida jekk missierha jersaq lejn il-ħanut fejn taħdem. M'hemmx dubju li din il-firda fil-familja, jaħtu għaliha ż-żewġ partijiet, bħalma m'hemmx dubju li huma wkoll ugwalment responsabbli għall-firda ta' bejniethom.

Il-konvenut wettaq l-agħar forma ta' inġurja fil-konfront ta' martu meta sawwatha u feriha ripetutament – aġir li l-konvenut ma jiċħadx li wettaq. Il-verżjoni tal-attriċi fejn tixhed dwar is-swat fuqha u fuq uliedha mhijiex kontradetta. Illi għaldaqstant m'hemmx dubju li l-ħajja matrimonjali tal-attriċi ma' raġel daqshekk vjolenti kienet waħda insapportabbli, tant li f'okkażjoni minnhom l-attriċi ġiet kostretta tfittex ix-xelter.

M'hemm lanqas ebda dubju li l-attriċi wettqet adulterju fuq żewġha ripetutament. Hemm indizji ċari li ma jħallu ebda dubju f'moħħ il-ġudikant li l-attriċi kienet ripetutament infidila lejn żewġha. Li jkollha raġel ieħor mentri għadha marbuta fiż-żwieġ ma' żewġha ma kinitx żelqa ta' darba jew żball uniku, iżda *system of conduct*, malli jitlaq sieħeb jiġi l-ieħor, anke b'detriment kbir għall-attenzjoni tagħha fuq uliedha.

Jidher illi l-partijiet kienu taħt l-ideja żbaljata ferm illi huwa ġustifikabbli għall-mara li tfittex raġel ieħor ladarba żewġha jsawwatha, u li huwa ġustifikabbli għar-raġel li jerfa' jdejh fuq martu ladarba hija teqlibielu. Dan m'huwiex korrett u sija l-adulterju u sija l-vjolenza domestika qatt m'huma ġustifikati u qatt ma ser isibu l-favur tal-Qorti.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi ħtijiet ugwali, il-konvenut li rrenda ruħu ħati t'inġurji gravi, eċċessi u moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attriċi, u l-attriċi li rrendiet ruħha ħatja t'adulterju fil-konfront ta' żewġha.

## 2 Dwar l-applikazzjoni tal-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili

Permezz tat-tielet talba tagħha, l-attriċi talbet illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet.
It-tortijiet imputabbli lill-konvenut, ta' moħqrija, eċċessi u nġurji gravi huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet huma abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***

***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[26];***

***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***

[26] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti qiegħda tuża d-diskrezzjoni tagħha, sabiex tapplika wkoll fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati u dana in segwitu għas-sejba tal-ħtija tagħha tal-adulterju fil-konfront ta' żewġha.

### 3. Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti

Il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet tikkonsisti primarjament fid-dar matrimonjali tal-partijiet. Din id-dar inbniet mill-partijiet fuq art illi ġiet akkwistata mingħand l-Awtorita` tad-Djar, b'titolu ta' emfitewsi perpetwu b'effett mis-17 ta' JMr 1984 u dana b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Marthese Felice iddatat il-31 t'Ottubru 1984[27]. [28]

L-attriċi ppreżentat stima illi tindika l-valur tad-dar bħala dak ta' tliet mija u ħamsa u sebgħin elf Ewro (€375,000)[29]. Il-konvenut ippreżenta stima ddatata it-23 ta' JMr 2017 illi tindika l-valur tad-dar bħala tliet mija u tmenin elf Ewro (€380,000)[30]. Jidher illi hemm qbil bejn il-partijiet illi din id-dar għandha tinbiegħ, bir-rikavat tagħha jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

[27] Fol. 84
[28] Il-partijiet iżżewġu nhar is-17 ta' Mejju 1984, kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ esebit fol. 126
[29] Fol. 257
[30] Fol. 574

Jirriżulta illi l-partijiet ħadu self darbtejn sabiex ikunu jistgħu jillestu din id-dar – l-ewwel darba fil-31 t'Ottubru 1984 meta kien akkwistaw l-art, fejn ħadu self ta' Lm4000, u sussegwentement fil-5 ta' Ġunju 1991[31] meta ġew biex ikomplu t-tieni sular kienu ħadu self illi jammonta għal Lm2,700 oħra[32]. Is-self huwa rappreżentat minn żewġ kontijiet miżmuma mal-HSBC Bank Malta p.l.c u nnumerati 46032201 u 80003033[33]. Illi preżentement dawn il-kontijiet ta' self huma magħluqa stante li s-self ġie saldat u dan b'effett mill-2010.

Min-naħa tagħha l-attriċi tgħid illi d-dejn tħallas waqt iż-żwieġ għajr għal Lm5,000 li ħallset minn dejn[34] li kienet għamlet ma' zijitha D S, stante illi meta żewġha telaq mid-dar huwa ma baqax iħallas il-pagamenti dovuti lill-Bank. Hija ppreżentat serje ta' rċevuti[35] li jippruvaw illi wara li telaq żewġha mid-dar matrimonjali hija vversat pagamenti fuq is-self li jammontaw għal Lm3,741.

Il-konvenut jaqbel ma' dak illi tgħid l-attriċi li meta fl-1996 ħareġ mid-dar fuq ordni tal-Qorti, huwa waqaf iħallas is-self. Huwa pero` jsostni illi fl-2009 huma mar il-Bank fejn sab illi id-dejn kien tela għal madwar €7,000, liema dejn huwa kien ħallas f'daqqa. Effettivament mill-istatements tal-kontijiet tas-self jirriżulta illi bejn Ottubru 2009 u Ġunju 2010 saru ħames pagamenti sostanzjali fuq dawn il-kontijiet ta' self sabiex b'hekk inqata' l-iżbilanċ kollu fuq iż-żewġ kontijiet. Il-pagamenti li flimkien ilaħħqu għas-somma ta' €6022.54, probabbilment saru mill-konvenut[36], u dana jagħti sostenn lill-verżjoni tal-konvenut li jgħid li huwa ħallas madwar sebat'elef Ewro biex ħallas id-dejn kollu li kien baqa'.

Illi għalhekk jirriżulta illi wara s-separazzjoni *de facto* tal-partijiet, illi seħħet fl-1996, il-partijiet ħallsu minn buthom (anke

---

[31] Il-kuntratt tas-self sar fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Raphael Darmanin, fol. 335.

[32] Sanction Letters relattivi huma esebiti fol. 316 u fol. 332 rispettivament.

[33] Dokumenti HSBC 4 fol. 151 u Dok. HSBC 5 fol. 159

[34] Xi drabi tgħid li l-flus taz-zija waslu għandha b'self u drabi oħra tgħid illi kienu donazzjoni.

[35] Fol. 76 et. seq.

[36] Il-konvenut esebixxa sett ta' riċevuti fol. 484 et. seq, li m'humiex iffirmati u ma jispeċifikawx min wettaq id-depożitu, iżda ladarba jinsabu fil-pussess tal-konvenut, il-Qorti tifhem illi l-pagamenti kienu saru minnu.

jekk il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom għadha viġenti sal-preżenti) somma relattivament ugwali sabiex tħallas is-self meħud mill-HSBC. Illi għalhekk m'hemmx lok ta' rifużjoni tas-somma mħallsa mill-attriċi kif qiegħda tippretendi hi, stante li l-konvenut ukoll ħallas somma ugwali.

Rigward kontijiet bankarji, jirriżulta li baqa' biss kont wieħed konġunt[37], miżmum ma' HSBC Bank Malta p.l.c. li fih depożitu minimu ta' €12.49. Dan il-kont għandu jiġi magħluq, bil-bilanċ iriżorju li fih fil-preżent jgħaddi favur l-attriċi.

Il-partijiet għandhom ukoll xi vetturi. L-attriċi għandha reġistrata f'isimha vettura tal-għamla Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ801. Hija akkwistat din il-vettura, manifatturata fis-sena 2000, fl-01/03/2010.[38] Il-konvenut għandu reġistrat f'ismu vettura tal-għamla Toyota Belta bin-numru tar-reġistrazzjoni GBJ239. Huwa akkwista din il-vettura, manifatturata fis-sena 2006, fit-03/08/2010. Għandu wkoll irreġistrat f'ismu mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru tar-reġistrazzjoni ACA501. Huwa akkwista dan il-mutur, manifatturat fis-sena 2012, fl-01/03/2013.[39]

Ma tressqitx prova dwar il-valur attwali ta' dawn il-vetturi u għalhekk il-Qorti m'hijiex edotta mill-valur preżenti tagħhom. Għaldaqstant filwaqt illi ser tgħaddi biex tassenjahom lill-partijiet, l-ekwiparazzjoni tagħhom qiegħda ssir *arbitrio boni viri* u kkalkolata fuq prezzijiet medji li l-istess vetturi jġibu fuq is-suq lokali. Il-Qorti qiegħda tikkonsidra li l-vettura li ssuq l-attriċi hija iktar antika minn dik li jsuq il-konvenut, li jgawdi wkoll mutur ġdid. Illi għaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut, li ser jiġi assenjat it-Toyota Belta u l-Peugeot Tweet għandu jħallas lill-attriċi, li ser tiġi assenjata id-Daihatsu Cuore, is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti d-differenza fil-valur ta' dawn il-vetturi.

---

[37] Kont innumerat 002-052926-001, Dokument HSBC 7, fol. 172

[38] Skont ma jirriżulta mid-dokument TM1 fol. 228, esebit **Stephen Cachia** rappreżentant ta' Transport Malta, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2016, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 219.

[39] Skont ma jirriżulta mid-dokument TM2 fol. 234 u 238, esebit **Stephen Cachia** rappreżentant ta' Transport Malta, fis-seduta tas-7 ta' Jannar 2016, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 219.

Għaldaqstant bis-saħħa tal-preżenti, l-Qorti qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B u tordna dan li ġej:

1. L-attriċi tivvaka d-dar matrimonjali 4, A, Triq l-Ispiera, Swieqi fi żmien tliet xhur mill-preżenti u għandha tikkonsenja kopja taċ-ċavetta tal-fond lill-konvenut, li fi żmien tliet xhur mill-preżenti jkollu aċċess liberu għall-fond, għalkemm mhux bħala residenza, iżda għall-finijiet tal-bejgħ tal-imsemmi fond.

2. Il-fond ġja d-dar matrimonjali jitpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, bil-prezz ta' tliet mija u tmenin elf Ewro (€380,000). Il-partijiet huma obbligati li jersqu għall-konvenju u għall-eventwali kuntratt tal-bejgħ tal-propjeta` ladarba jinstab xerrej li jħallas mhux inqas mill-prezz mitlub. Fl-eventwalita` li l-fond ma jinbiegħx fi żmien sena mill-preżenti, il-prezz tal-fond jinżel għas-somma ta' tliet mija u sebgħin elf Ewro (€370,000). Fl-eventwalita` li l-fond jibqa' ma jinbiegħx sa sena wara u cioe sentejn mill-preżenti, kull wieħed mill-partijiet ikun jista' jitlob il-bejgħ tiegħu bil-proċedura tas-subbasta. L-attriċi tħallas is-servizzi tad-dawl u l-ilma relatati mal-fond sakemm jinbiegħ, iżda hija jkollha dritt li mill-prezz tal-bejgħ iżżomm għaliha l-ispejjeż li tkun ħallset għas-servizzi mid-data li hija tivvaka l-fond sad-data tal-kuntratt finali tal-bejgħ. Ir-rikavat tal-bejgħ imbagħad jinqasam b'mod ugwali mill-partijiet.

3. Il-kont bankarju konġunt innumerat 002-052926-001 miżmum ma' HSBC Bank Malta p.l.c. jiġi magħluq, bil-bilanċ jgħaddi favur l-attriċi.

4. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

5. Il-vettura Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ801 qed tiġi assenjata lill-attriċi.

6. Il-vettura tal-għamla Toyota Belta bin-numru tar-reġistrazzjoni GBJ239 u l-mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru tar-reġistrazzjoni ACA501 jiġu assenjati lill-konvenut.

7. Il-konvenut iħallas lill-attriċi għal darba waħda biss is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti sehemha mid-differenza tal-valur tal-vetturi hekk kif ġew assenjati.

## 4. Dwar il-Manteniment

L-attriċi fis-sitt talba tagħha, qiegħda titlob manteniment għaliha. Il-Qorti tirrileva illi fil-passat ingħataw serje ta' digrieti sabiex jirregolaw il-manteniment bejn il-partijiet.

Fit-22 t'Ottubru 1996, il-Qorti Ċivili Sekond'Awla tat digriet[40] illi permezz tiegħu awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha; akkordat aċċess liberu tal-minuri u ordnat lil C B iħallas sitta u erbgħin Lira (Lm46) fil-ġimgħa li jinqasmu sitta u għoxrin Lira (Lm26) għat-tfal u għoxrin Lira (Lm20) għaliha.

Fit-18 t'Awwissu 1997, il-Qorti Ċivili Sekond'Awla tat digriet[41] illi permezz tiegħu awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha; irregolat l-aċċess tal-

[40] fol. 62.
[41] Digriet innumerat 1046/1997, fol. 35.

minuri; astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba tagħha għall-manteniment billi rriżulta li l-intimat huwa diżokkupat.

Fit-25 t'Awwissu 1998, il-Qorti Ċivili Sekond'Awla tat digriet[42] illi permezz tiegħu awtorizzat lill-attriċi tipproċedi b'kawża għas-separazzjoni personali minn ma' żewġha; irregolat l-aċċess tal-minuri taħt superviżjoni ta' ħaddiema soċjali; dwar il-manteniment ordnat illi l-konvenut jiftaħ kont bankarju ma' bank lokali f'isem il-minuri u hemmhekk jiddepożita s-somma ta' Lm15 fil-ġimgħa li jiġu rtirati mit-tfal minuri meta jagħlqu t-tmintax-il sena.
Rigward il-mezzi tal-attriċi jingħad illi hija tirċievi assistenza soċjali u benefiċċju tal-mard illi fis-sena 2015 kienu jlaħħqu l-valur ta' €125.34 kull ġimgħa. Hija tieħu wkoll €135.10 kull sitt xhur.[43]

Rigward il-mezzi tal-konvenut jirriżulta illi huwa jinsab *boarded out* għal raġunijiet ta' saħħa u dana wara li f'Mejju u Ġunju 2010, kienu tawh żewġ attakki tal-qalb.[44] Minkejja li huwa *boarded out*, l-attriċi xehdet fl-affidavit tagħha illi hija taf b'ċertezza li l-konvenut għandu xogħol regolari ta' kuljum bħala electrician/plumber. Sas-sena 2010, huwa sofra ħames attakki tal-qalb u f'Ġunju 2010 installawlu *Implantable Cardiverter Defibrillator*. Huwa jirċievi pensjoni tal-invalidita` u benefiċċju tal-mard illi fis-sena 2015 kienu jlaħħqu l-valur ta' €150.76 kull ġimgħa. Huwa jieħu wkoll €135.10 kull sitt xhur.[45]

Illi kif diġa ntqal iktar 'il quddiem, stante n-nuqqasijiet tal-partijiet li wasslu għat-tkissir taż-żwieġ, huma ddekadew mid-

[42] Digriet innumerat 1042/1998, fol. 38.
[43] Skont ma jirriżulta mid-dokument DSS1 fol. 217, esebit **Saviour Theuma** rappreżentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 129.
[44] Ċertifikat redatt minn Dr. Peter Muscat fit-2 ta' Mejju 2001, fol. 249 u rapport mediku fol. 435
[45] Skont ma jirriżulta mid-dokument DSS2 fol. 218, esebit **Saviour Theuma** rappreżentant tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali, fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 129.

dritt illi jitolbu u jipperċepixxu manteniment mingħand xulxin ai termini tal-Artikolu 48(1)(d) tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant it-talba tal-attriċi sabiex jiġi likwidat manteniment favur tagħha qed tiġi miċħuda.

## 5. Dwar l-Arretrati tal-Manteniment

L-attriċi tippretendi li żewġha għandu jivversalha dak li ġie ordnat iħallas permezz tad-digriet tal-1996, u cioe sitta u erbgħin Lira (Lm46) fil-ġimgħa li kienu jinqasmu sitta u għoxrin Lira (Lm26) għat-tfal u għoxrin Lira (Lm20) għaliha. Tixhed li hija qatt ma tħallset dan il-manteniment u għalhekk tippretendi li dan il-manteniment jiġi mnaqqas minn sehem il-konvenut fid-dar matrimonjali. *"Jiena l-flus biex inrabbi lil uliedi xorta ħriġthom u tkissirt għalihom. Dak iż-żmien qabel ma ġiet nieqsa ommi kienet tgħinni ftit fil-flus".*[46]

Il-konvenut isostni li huwa kien jiddepożitu l-ammont ordnat mill-Qorti ta' Lm15 fil-ġimgħa u dana sakemm mietet ommu f'Settembru 2001.[47] *"Waqaft nagħti flus lit-tfal għax meta mietet ommi ma bqajtx nirċievi l-flus li kienet tagħtini biex nieħu ħsiebha. Lit-tfal kont ngħaddilhom dawn il-flus."* Illi effettivament jirriżulta[48] li Nd B kienet żbankat sehemha mill-imsemmija depożiti, filwaqt illi Q B talbet ukoll lil Bank sabiex tiżbanka sehemha.

Illi l-Qorti hija tal-fehma li d-digriet li fuqu l-attriċi ssejjes din it-talba tagħha u cioe dak tat-22 t'Ottubru 1996, ġie sorvolat bid-digrieti sussegwenti tat-18 t'Awwissu 1997 u tal-25 t'Awwissu 1998. Illi minkejja li dawn id-digrieti ma jispeċifikawx illi d-digriet tal-1996 qed jiġi revokat, huwa ċar fil-fehma tal-Qorti li kull wieħed mid-digrieti irrevoka dak ta' qablu. Għalhekk id-digriet tal-1996 ma baqax japplika. Illi inoltre l-attriċi minkejja li ripetutament talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tipproċedi

---

[46] Affidavit tal-attriċi fol. 61

[47] Kontro-eżami tal-konvenut li sar fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-12 ta' Mejju 2016. Fol. 290

[48] Dokument RCC 41, fol. 504

bil-kawża għas-separazzjoni personali, baqgħet ma segwietx ir-rikorsi b'kawża.

Il-Qorti, filwaqt illi tifhem u tapprezza it-tbatija finanzjarja li tilmenta li għaddiet minnha l-attriċi, tħoss li t-talba għal manteniment setgħet tressqet ferm qabel u mhux talbet l-esekuzzjoni ta' digriet sittax-il sena wara l-għoti tiegħu, mingħajr ma pproċediet għas-separazzjoni fiż-żmien li ingħata. Inoltre hija gawdiet weħidha l-użu tad-dar matrimonjali għal għoxrin sena, anke meta ma kien hemm xejn li legalment jimpedixxi lill-konvenut biex jirritorna jirrisjedi fl-istess dar. Ġie ppruvat li saħansitra daħħlet sieħeb jgħix fl-istess dar għal ħames snin, u wkoll li għamlet xi introjtu billi żammet l-istudenti barranin fid-dar. Hija ma ħallset ebda kumpens lill-konvenut ta' dan kollu u għalhekk il-Qorti tqis l-użu esklussiv tagħha tad-dar matrimonjali bħala ekwiparazzjoni għal kwalsiasi jedd ta' manteniment li l-attriċi tippretendi li seta' kellha għall-minuri.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-aħħar digriet iċċitat ma laqax it-talba ta' manteniment kif solitu jingħata mill-missier għall-omm iżda ħaseb biex il-minuri fil-futur isibu xi ħaġa tal-flus imwarrba. Ma jistax ma jingħadx ukoll li ulied il-partijiet żbankaw il-flus depożitati minn missierhom. Dana l-għemil tagħhom juri l-aċċettazzjoni tagħhom li jirċievi dak li kien ġie ddepożitat, filwaqt illi ttermina kwalsiasi pretensjoni ulterjuri li seta' kellhom.

### 6. Dwar Kunjom ir-Rikorrenti

Ir-rikorrenti fl-għaxar talba tagħha titlob lill-Qorti l-awtorizzazzjoni sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha F. Il-Qorti tilqa' din it-talba ai termini tal-Artikolu 62(1) tal-Kodiċi Ċivili.

## DEĊIDE

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B, bi ħtijiet ta' eċċessi, sevizzi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtija t'adulterju imputabbli lill-attriċi;

[2] Tilqa' it-tieni talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tgħix separatament minn ma' żewġha;

[3] Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili; tuża d-diskrezzjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 52 tal-Kodiċi Ċivili biex tapplika wkoll fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[4] Tilqa' r-raba' tar-rikorrenti billi tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B u tillikwidaha billi tordna s-segwenti:

1. L-attriċi tivvaka d-dar matrimonjali 4, A, Triq l-Ispiera, Swieqi fi żmien tliet xhur mill-preżenti u għandha tikkonsenja kopja taċ-ċavetta tal-fond lill-konvenut, li fi żmien tliet xhur mill-preżenti jkollu aċċess liberu għall-fond, għalkemm mhux bħala residenza, iżda għall-finijiet tal-bejgħ tal-imsemmi fond.

2. Il-fond ġja d-dar matrimonjali jitpoġġa għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ, bil-prezz ta' tliet mija u tmenin elf Ewro (€380,000). Il-partijiet huma obbligati li jersqu għall-konvenju u għall-eventwali kuntratt tal-bejgħ tal-propjeta` ladarba jinstab xerrej li jħallas mhux inqas mill-prezz mitlub. Fl-eventwalita` li l-fond ma jinbiegħx fi żmien sena mill-preżenti, il-prezz tal-fond jinżel għas-somma ta' tliet mija u sebgħin elf Ewro (€370,000). Fl-eventwalita` li l-fond jibqa' ma jinbiegħx sa sena wara u cioe sentejn mill-preżenti, kull wieħed mill-partijiet ikun jista' jitlob il-bejgħ tiegħu b'liċitazzjoni. L-attriċi tħallas is-servizzi tad-dawl u l-ilma relatati mal-fond sakemm jinbiegħ, iżda hija jkollha

dritt li mill-prezz tal-bejgħ iżżomm għaliha l-ispejjeż li tkun ħallset għas-servizzi mid-data li hija tivvaka l-fond sad-data tal-kuntratt finali tal-bejgħ. Ir-rikavat tal-bejgħ imbagħad jinqasam b'mod ugwali mill-partijiet. Il-Qorti qiegħda tinnomina lill-Avukat Dottor Christopher Chircop bħala kuratur għall-eventwali kontumaċi.

3. Il-kont bankarju konġunt innumerat 002-052926-001 miżmum ma' HSBC Bank Malta p.l.c. jiġi magħluq, bil-bilanċ jgħaddi favur l-attriċi.

4. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;

5. Il-vettura Daihatsu Cuore bin-numru tar-reġistrazzjoni BBJ801 qed tiġi assenjata lill-attriċi.

6. Il-vettura tal-għamla Toyota Belta bin-numru tar-reġistrazzjoni GBJ239 u l-mutur tal-għamla Peugeot Tweet bin-numru tar-reġistrazzjoni ACA501 jiġu assenjati lill-konvenut.

7. Il-konvenut iħallas lill-attriċi għal darba waħda biss is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) rappreżentanti sehemha mid-differenza tal-valur tal-vetturi hekk kif ġew assenjati, bl-imgħax legali li jiddekorri minn għoxrin jum mill-preżenti sad-data tal-pahament effettiv;

[5] Tilqa' l-ħames talba;

[6] Tiċħad is-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' talbiet attriċi;

[7] Tilqa' l-għaxar talba tal-attriċi u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha F;

Bl-ispejjeż ikunu sopportati b’mod ugwali mill-partijiet.

L-ispejjeż tal-Avukat Dottor Christopher Chircop nominat iktar ‘il fuq f’din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi.